



REGOLAMENT TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' l-14 ta' Diċembru, 2006

**li jemenda r-Regolament BĊE/2001/13 dwar il-karta tal-bilanċ kkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji
(BĊE/2006/20)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' l-informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew¹, b' mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4),

Billi:

- (1) Ir-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru, 2001, dwar il-karta tal-bilanċ kkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji² teħtieġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji biex jirrappurtaw data statistika trimestrali kklassifikata skond il-pajjiż u l-valuta. Ir-Regolament BĊE/2001/13 għandu jiġi emendat biex jestendi l-obbligi ta' rappurtar għal data fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija li se jissieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar, 2007.
- (2) Skond ir-Regolament BĊE/2001/13, ir-rappurtar ta' data trimestrali dwar pożizzjonijiet fil-konfront ta' kontropartijiet residenti fit-territorji ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro huwa mandatorju. Għalhekk ir-Regolament BĊE/2001/13 għandu jiġi emendat biex jikkunsidra l-adozzjoni tas-Slovenja tal-euro,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

² ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament BĊE/2004/21 (ĠU L 371, 18.12.2004, p. 42).

Artikolu 1

Ir-Regolament BĊE/2001/13 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2, il-kliem ‘bis-simbolu “#”’ huma sostitwiti bil-kliem ‘bis-simbolu “#” jew “*”’.
2. L-Annessi I u V huma emendati skond l-Anness ma’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fl-14 ta' Diċembru, 2006.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

[iffirmat]

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

L-Annessi I u V mar-Regolament BĊE/2001/13 qed jiġu emendati kif ġej:

1. L-Anness I qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-Sezzjoni IV f'Parti 1 hija emendata kif ġej:

- (i) fl-ewwel u t-tieni sentenza tal-paragrafu 6a, il-kliem 'jew l-“*”' huma sostitwiti bil-kliem 'bis-simbolu “#” jew “*”’;
- (ii) fl-ewwel u t-tieni sentenza tal-paragrafu 7a, il-kliem 'jew l-“*”' huma sostitwiti bil-kliem 'bis-simbolu “#” jew “*”’;
- (iii) fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 9a, il-kliem 'jew l-“*”' huma sostitwiti bil-kliem 'bis-simbolu “#” jew “*”’.

(b) Il-Parti 2 qed tiġi emendata kif ġej:

(i) fit-Tabella 3, intitolata 'Klassifikazzjoni tal-Pajjż':

- taħt l-intestatura 'B. Stati Membri oħra parteċipanti (i.e. eskluż is-settur domestiku) + parti minn Ċ. Il-Bqija tad-Dinja (Stati Membri)', żewġ kolonni, intitolati 'BG' u 'RO', rispettivament, jiddaħħlu wara l-aħħar kolonna. Kull ċella f'kull waħda minn dawn iż-żewġ kolonni hija mmarkata bis-simbolu '*';
- fil-kolonna intitolata 'SI', is-simbolu “#” huwa mħassar minn kull ċella;
- fin-'Nota Ġenerali' il-kliem 'jew l-“*”' qed jiġu sostitwiti bil-kliem 'bis-simbolu “#” jew “*”’;

(ii) fit-Tabella 4, intitolata 'Klassifikazzjoni tal-valuta':

- taħt l-intestatura 'Stati Membri valuti Other', żewġ kolonni intitolati 'BGN' u 'RON', rispettivament, jiddaħħlu wara l-aħħar kolonna. Kull ċella f'kull waħda minn dawn iż-żewġ kolonni hija mmarkata bis-simbolu '*';
- il-kolonna intitolata 'SIT', hija mħassra;
- fin-'Nota Ġenerali' il-kliem 'bis-simbolu “#”' qed jiġu sostitwiti bil-kliem “#” jew is-simbolu “*”’.

2. L-Anness V qed jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi li ġejjin 1c, 1d u 1e qed jiddaħħlu:

‘1c. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel rappurtar skond dan ir-Regolament fir-rigward ta' ċellel immarkati bis-simbolu “*” jibda b'data trimestrali għall-perijodu li jispiċċa Marzu 2007.

1d. Jekk il-BĊN rilevanti jiddeċiedi li ma jitlobx l-ewwel rappurtar ta' data mhux importanti data li tibda bid-data trimestrali għall-perijodu li jispiċċa Marzu 2007, ir-

rappurtar jibda 12–il xahar wara li jinforma lill-aġenti tar-rappurtar li data hija meħtieġa.

- 1e. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel rappurtar skond dan ir-Regolament fir-rigward tal-kolonna intitolata “SI” fit-Tabella 3, skond l-intestatura “B. Stati Membri oħra parteċipanti (i.e. esluż is-settur domestiku) + parti minn Ċ. Il-Bqija tad-dinja (Stati Membri)”, tibda b’data trimestrali għall-perijodu li jispiċċa Marzu 2007.’
- (b) Fil-paragrafu 2a il-kliem ‘jew l-“*”’ qed jiġu sostitwiti bil-kliem ‘bis-simbolu “#” jew “*”’.